

Brussell, 9 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6869/21

PUBLIC 15
INF 51

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - FRAR 2021

Dan id-dokument jelenka l-atti¹ adottati mill-Kunsill fi Frar 2021^{2,3}

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi u mhux leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- referenza għall-minuti tas-sessjoni tal-Kunsill meta l-att ikun ġie adottat.

¹ Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara t-tipa bil-korsiv).

² Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ għajr jekk adottati bi proċedura bil-miktub.

³ Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#).

Jekk ma jkunux disponibbli direttament, tista' ssir talba għal aċċess għal dokumenti fuq:

<https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/public-register/request-document-form/>

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill fi: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL FI FRAR 2021

Proċedura bil-miktub konklużi fl-1 ta' Frar 2021	CM 1494/1/21 REV 1
<i>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/119 tal-1 ta' Frar 2021 li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) <u>ĠU L 36L, 2.2.2021, p. 1–6</u>	5716/21
Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu	CM 1494/1/21 REV 1
Fl-Unjoni Ewropea, miljuni ta' ċittadini jaqsmu fruntiera interna kuljum sabiex jaqilgħu l-għajxien tagħhom. F'ħafna pajjiżi, setturi kbar tal-ekonomija jiddependu fuq il-kapaċità tal-ħaddiema transfruntiera li jivvjaġġaw kuljum. Dan huwa wkoll il-każ għal sptarjiet u faċilitajiet mediċi oħra li jiddependu sew mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa li huma ħaddiema transfruntiera. Il-fatt li l-eżistenza ta' din is-sitwazzjoni fl-Ewropa ma tingħarafx ma jdgħajjix biss il-kunċett ta' ċentri ta' popolazzjoni transfruntiera, iżda huwa wkoll litteralment ta' riskju għal ħajjet in-nies. Fl-2019 ir-Reġjun il-Kbir, mutur għat-tkabbir ekonomiku tal-Ewropa li jiġġenera kważi 2.5 % tal-PDG tal-UE, ipprovda xogħol għal madwar 250 000 ħaddiema transfruntiera kuljum: l-akbar numru fl-Ewropa. Filwaqt li l-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 hija ta' importanza vitali, il-Lussemburgu jemmen li l-ivvjaġġar transfruntier ta' persuni b'funzjonijiet kritiċi jew essenzjali għall-infrastruttura kritika jrid ikun eżentat minn restrizzjonijiet fil-każijiet kollha. Għaldaqstant, fir-rigward tal-punt 19b, il-Lussemburgu jqis li l-formulazzjoni "<i>jenħtieġ li l-Istati Membri ma jirrikjedux li persuni li jgħixu f'reġjuni mal-fruntiera u li jivvjaġġaw minn naħa għal oħra tal-fruntiera fuq bażi ta' kuljum jew frekwenti għall-finijiet ta' xogħol, negozju, edukazzjoni, familja, kura medika jew indukrar, jgħaddu minn test jew kwarantina/awtoiżolament, b'mod partikolari persuni li jeżerċitaw funzjonijiet kritiċi jew essenzjali għall-infrastruttura kritika</i>" tfisser li dawn in-nies ma għandhomx ikunu meħtieġa li jagħmlu test jew li jpoġġu lilhom infushom fi kwarantina/awtoiżolament.	

Proċedura bil-miktub konklużi fit-2 ta' Frar 2021	CM 1466/21
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' appoġġ tekniku</i> Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1–16	PE 61/1/20 REV 1
Proċedura bil-miktub konklużi fit-2 ta' Frar 2021	CM 1467/21
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti parametri referenzjarji tal-kambju spot ta' pajjiżi terzi u l-iffissar ta' sostituti għal ċerti parametri referenzjarji li jkunu ser jitwaqqfu, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012</i> Regolament (UE) 2021/168 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti parametri referenzjarji tal-kambju spot ta' pajjiżi terzi u l-iffissar ta' sostituti għal ċerti parametri referenzjarji li jkunu ser jitwaqqfu, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ĠU L 49, 12.2.2021, p. 6–17	PE 63/1/20 REV 1
Proċedura bil-miktub konklużi fit-2 ta' Frar 2021	CM 1468/21
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-indirizzar tal-kriżi assoċjata mat-tifqigħa tal-COVID-19</i> Regolament (UE) 2021/177 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-indirizzar tal-kriżi assoċjata mat-tifqigħa tal-COVID-19 ĠU L 53, 16.2.2021, p. 1–5	PE 51/1/20 REV 1

Proċedura bil-miktub konklufa fit-2 ta' Frar 2021	CM 1512/21
<i>Rakkomandazzjoni li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/132 tat-2 ta' Frar 2021 li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni ĠU L 41, 4.2.2021, p. 1–5	5712/2/21 REV 2
Proċedura bil-miktub konklufa fit-3 ta' Frar 2021	CM 1518/21
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 654/2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali</i> Regolament (UE) 2021/167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 654/2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali ĠU L 49, 12.2.2021, p. 1–5	PE 52/1/20 REV1
Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar strument li jiskoraġġixxi u jiġġieled azzjonijiet koerċittivi minn pajjiżi terzi	5448/21 ADD2
Il-Kummissjoni tieħu nota tat-tħassib tal-Parlament u tal-Istati Membri dwar il-prattiki ta' ċerti pajjiżi terzi li jfittxu li jikkostingu lill-UE u / jew lill-Istati Membri tagħha jieħdu jew jirtiraw miżuri ta' politika partikolari. Il-Kummissjoni taqbel mal-fehma li Prattiki bħal dawn joħlqu tħassib sinifikanti. Il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tkompli teżamina strument possibbli, li jista' jiġi adottat biex jiskoraġġixxi jew jikkompensa azzjonijiet kostretti minn pajjiżi terzi u li jippermetti l-adozzjoni rapida ta' kontromiżuri skattati minn tali azzjonijiet. Il-Kummissjoni beħsiebha tkompli l-valutazzjoni tagħha u fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, tadotta proposta leġislattiva li tipprevedi mekkaniżmu li jippermetti li tali azzjonijiet jiġu skoraġġuti jew ibbilanċjati b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali. Kif imħabbar fl-Ittra ta' Intenzjoni tal-President tal-Kummissjoni lill-President tal-Parlament u lill-President fil-kariga tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni għandha tadotta l-proposta f'kull każ mhux aktar tard mill-aħħar tal-2021, jew qabel, jekk tinqala l-ħtieġa bħala riżultat ta' azzjoni kostretta meħuda minn pajjiżi terzi. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jieħdu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal strument li jiskoraġġixxi u jiġġieled azzjonijiet kostretti minn pajjiżi terzi. Iż-żewġ istituzzjonijiet huma impenjati li jissodisfaw ir-rwol istituzzjonali tagħhom bħala koleġislaturi u li jikkunsidraw il-proposta fil-ħin, filwaqt li jqisu l-obbligi tal-Unjoni skont id-dritt internazzjonali pubbliku u d-dritt tad-WTO kif ukoll l-iżviluppi rilevanti fil-kummerċ internazzjonali.	

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni	5448/21 ADD2
L-Unjoni tibqa' impenjata għal approċċ multilaterali għas-soluzzjoni tat-tilwim internazzjonali, il-kummerċ ibbażat fuq ir-regoli, u l-kooperazzjoni internazzjonali biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. L-Unjoni tikkooopera fl-isforzi kollha li għandhom l-għan li jirriformaw il-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO li jista' jiżgura l-funzjonament effettiv tal-Korp tal-Appell tad-WTO.	
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-konformità mad-dritt internazzjonali	5448/21 ADD1 REV1
Meta l-Unjoni tippreżenta tilwima skont il-Fehim dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim (Dispute Settlement Understanding, DSU) kontra Membru ieħor tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (World Trade Organization, WTO), il-Kummissjoni tagħmel kull sforz raġonevoli biex tikseb, kemm jista' jkun malajr, il-qbil ta' dak il-Membru li jirrikorri għall-arbitraġġ skont l-Artikolu 25 tad-DSU bħala proċedura ta' appell <i>interim</i>, li tippreserva l-karatteristiċi essenzjali tal-appelli quddiem il-Korp tal-Appell (il-"proċedura ta' arbitraġġ tal-appell"), sakemm il-Korp tal-Appell ma jkunx jista' jerġa' jibda bis-sħiħ il-funzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 17 tad-DSU. Meta tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 3(aa) tar-Regolament, il-Kummissjoni taġixxi skont ir-rekwiżiti tal-liġi internazzjonali dwar kontromiżuri, kif ikkodifikati fl-Artikoli dwar ir-Responsabbiltà tal-Istati għal Atti Internazzjonali Ħżiena kif adottati mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali. B'mod partikolari, qabel ma tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 3(aa), il-Kummissjoni titlob lill-Membru tad-WTO kkonċernat biex jimplimenta s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-bord, tinnotifika lil dak il-Membru tad-WTO bl-intenzjoni tal-Unjoni li tiegħu kontromiżuri u ttenni r-rieda tagħha li tinnegoza soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku skont ir-rekwiżiti tad-DSU. Meta atti ta' implimentazzjoni jkunu diġà ġew adottati skont l-Artikolu 3(aa), il-Kummissjoni tissospendi l-applikazzjoni tagħhom jekk il-Korp tal-Appell jerġa' jibda l-funzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-każ ikkonċernat f'konformità mal-Artikolu 17 tad-DSU, jew jekk tinbeda proċedura ta' appell <i>interim</i>, dment li tali proċedura tiġi segwita <i>in bona fede</i>.	

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni	5448/21 ADD1 REV1
Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 654/2014. Il-Kummissjoni tfakkar fid-Dikjarazzjoni li għamlet mal-adozzjoni tar-regolament oriġinali, fost l-oħrajn li l-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta jkunu mfassla fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u soġġetti għall-kontroll tal-Istati Membri. Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa, il-Kummissjoni beħsiebha taġixxi f'konformità mad-dikjarazzjoni magħmula mal-adozzjoni tar-regolament oriġinali kif ukoll ta' din id-Dikjarazzjoni. Meta tħejji abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi jew aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, il-Kummissjoni tfakkar fl-obbligi tagħha skont l-Artikolu 9(1a) u tikkonferma li twettaq konsultazzjonijiet intensivi minn qabel bil-ħsieb li tiżgura li l-interessi u l-implikazzjonijiet rilevanti kollha jkunu jistgħu jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kummissjoni, kondiviżi mal-Istati Membri u jitqiesu kif xieraq fl-adozzjoni possibbli tal-miżuri. F'dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni tfittex u tistenna li tirċievi input minn partijiet ikkonċernati privati affettwati minn miżuri possibbli ta' politika kummerċjali li jkunu ser jiġu adottati mill-Unjoni f'dawk l-oqsma. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tfittex u tistenna li tirċievi input mill-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jkunu involuti jew affettwati mill-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali possibbli adottati mill-Unjoni. Fil-każ ta' miżuri fl-oqsma tal-kummerċ fis-servizzi u l-aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, jitqies kif xieraq, b'mod partikolari, il-kontribut mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri involuti fil-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni li tirregola l-oqsma affettwati, fit-tħejjija ta' abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni, fost l-oħrajn dwar kif miżuri ta' politika kummerċjali possibbli jinteraġixxu mal-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea u dik nazzjonali. Bl-istess mod, partijiet ikkonċernati oħra affettwati minn tali miżuri ta' politika kummerċjali jingħataw l-opportunità li jifformulaw ir-rakkomandazzjonijiet u t-tħassib tagħhom fir-rigward tal-għażla u t-tfassil tal-miżuri li jkunu ser jiġu adottati. Il-kummenti jiġu kondiviżi mal-Istati Membri meta jiġu adottati miżuri skont l-Artikolu 8 tar-Regolament. Ir-rieżami regolari ta' xi miżura bħal din imposta matul l-applikazzjoni tagħhom jew wara t-terminazzjoni tagħhom iqis bl-istess mod il-kontribut mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati privati fir-rigward tat-tħaddim ta' tali miżuri, u jippermetti li jsiru aġġustamenti jekk jinqalgħu problemi.	

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tafterma mill-ġdid li hija tagħti importanza kbira lill-iżgurar li r-Regolament ikun għodda effettiva u effiċjenti għall-infurzar tad-drittijiet tal-Unjoni skont il-ftehimiet kummerċjali internazzjonali, inkluż fil-qasam tal-kummerċ fis-servizzi u l-aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Għalhekk, il-miżuri li għandhom jintgħażlu f'dawn l-oqsma jridu jiżguraw ukoll infurzar effettiv f'konformità mad-drittijiet tal-Unjoni, b'tali mod li jġibu konformità mill-pajjiż terz ikkonċernat u jkunu konsistenti mar-regoli internazzjonali applikabbli dwar it-tip ta' miżuri ta' infurzar permessi.	
Stqarrija tal-Kummissjoni	5448/21 ADD1 REV1
Mal-adozzjoni tar-Regolament fl-2014, il-Kummissjoni impenjat ruħha għal komunikazzjoni effettiva u skambju ta' fehmiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar tilwim kummerċjali li jista' jwassal għall-adozzjoni ta' miżuri skont ir-Regolament, u dwar azzjonijiet ta' infurzar b'mod ġenerali. Bl-għarfien tal-oġettiv ġenerali ta' infurzar effettiv u effiċjenti tad-drittijiet tal-Unjoni skont il-ftehimiet kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni, il-Kummissjoni tkompli tippromwovi u tissimplifika l-interazzjonijiet tagħha mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill għall-benefiċċju reċiproku. B'mod partikolari, il-Kummissjoni timpenja ruħha li teżamina, bħala parti mis-sistema msaħħa ta' infurzar tagħha, il-ksur allegat tal-ftehimiet kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni meta jissemmew mill-Parlament, mill-Membri tiegħu, jew mill-Kumitati tiegħu, jew mill-Kunsill bil-fehim li tali talbiet ikunu akkumpanjati minn evidenza ta' sostenn. Il-Kummissjoni żżomm lill-Parlament u lill-Kunsill infurmati bir-riżultati tal-ħidma msaħħa tagħha ta' infurzar. Meta tuża s-sistema msaħħa ta' infurzar, il-Kummissjoni tagħti l-istess attenzjoni lill-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE fir-rigward tal-allegat ksur tas-sistemi ta' aċċess għas-suq. L-ipproċessar ta' allegat ksur ta' dispożizzjonijiet kummerċjali u sostenibbli jkun integrat bis-siġħ fis-sistema. Il-Kummissjoni tipprijoritizza dawk il-każijiet li jkunu partikolarment serji f'dak li hu l-effett tagħhom fuq il-ħaddiema jew l-ambjent f'kuntest kummerċjali, li għandhom importanza sistemika u li huma legalment sodi. Il-Kummissjoni tkompli timpenja ruħha bis-siġħ f'sessjonijiet apposta mal-kumitat Parlamentari responsabbli biex tiskambja fehmiet dwar tilwim kummerċjali u azzjonijiet ta' infurzar, inkluż fir-rigward tal-impatti fuq l-industriji tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tkompli l-prattika ta' rapportar tagħha billi perjodikament tipprovdi s-sitwazzjoni attwali dwar it-tilwim pendenti kollu u informazzjoni istantanja għal żviluppi maġġuri fir-rigward tat-tilwim fl-istess ħin li tali informazzjoni tiġi kondiviża mal-Istati Membri. Dan ir-rapportar u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni jsiru permezz tal-kumitati responsabbli fil-Kunsill u fil-Parlament.	

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tkompli żżomm lill-Parlament u lill-Kunsill regolarment infurmati dwar żviluppi internazzjonali li jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet li jeħtieġu l-adozzjoni ta' miżuri skont ir-Regolament. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tafferma mill-ġdid l-impenji tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tibgħat minnufih lill-Parlament u lill-Kunsill l-abbozzi tal-atti ta' implimentazzjoni li hija tippreżenta lill-kumitat tal-Istati Membri kif ukoll l-abbozzi finali tal-atti ta' implimentazzjoni wara l-ġoti tal-opinjoni fil-kumitat. Dan huwa ġestit permezz tar-riġistru tal-komitoloġija.	
Proċedura bil-miktub konklużi fil-4 ta' Frar 2021	CM 1559/21
Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kooperazzjoni dwar il-Migrazzjoni bejn l-Afganistan u l-UE	5223/21 ADD 1
Proċedura bil-miktub konklużi fil-5 ta' Frar 2021	CM 1377/21
Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, għall-Iżvezja	5494/21
Proċedura bil-miktub konklużi fil-5 ta' Frar 2021	CM 1379/21
Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, għall-Finlandja	5513/21
Proċedura bil-miktub konklużi fil-5 ta' Frar 2021	CM 1381/21
Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, għad-Danimarka	5515/21
Proċedura bil-miktub konklużi fil-5 ta' Frar 2021	CM 1383/21
Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, għall-Irlanda	5490/21
Proċedura bil-miktub konklużi fil-5 ta' Frar 2021	CM 1383/21
Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, għall-Irlanda	5492/21

Proċedura bil-miktub konklużi fil-5 ta' Frar 2021	CM 1385/21
Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), għall-Iżvezja	5496/21
Proċedura bil-miktub konklużi fil-5 ta' Frar 2021	CM 1475/21
<i>Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi għall-għieda kontra t-terroriżmu - Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK - rieżami</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/142 tal-5 ta' Frar 2021 li tagħorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-għieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1132 ĠU L 43, 8.2.2021, p. 14–17	5549/21
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/138 tal-5 ta' Frar 2021 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1128 ĠU L 43, 8.2.2021, p. 1–4	5551/21
<i>Miżuri restrittivi marbuta mad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Iran - pre-notifiki</i> Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran - Dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet emendati intenzjonati	5643/21
Proċedura bil-miktub konklużi fil-5 ta' Frar 2021	CM 1562/21
Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar uffiċjal għal kariga ta' Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni (RELEX) fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea	5258/21
Proċedura bil-miktub konklużi fil-5 ta' Frar 2021	CM 1563/21
Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar uffiċjal għal kariga ta' Direttur Ġenerali għall-Politika Ġenerali u Istituzzjonali (GIP) fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea	5253/21

Proċedura bil-miktub konklużi fil-5 ta' Frar 2021	CM 1601/21
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-emendi tal-Ftehim għall-kooperazzjoni fit-trattament tat-tniġġis tal-Baħar tat-Tramuntana miż-żejt u sustanzi oħra perikolużi (Il-Ftehim ta' Bonn) fir-rigward tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-Ftehim u dwar l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja għal dak il-Ftehim</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/176 tal-5 ta' Frar 2021 dwar il-konklużjoni tal-emendi tal-Ftehim għall-kooperazzjoni fit-trattament tat-tniġġis tal-Baħar tat-Tramuntana miż-żejt u sustanzi oħra perikolużi (Il-Ftehim ta' Bonn) fir-rigward tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-Ftehim u dwar l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja għal dak il-Ftehim ĠU L 54, 16.2.2021, p. 1–2	11487/20
Deċiżjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim għall-Kooperazzjoni fit-Trattament tat-Tniġġis tal-Baħar tat-Tramuntana miż-Żejt u Sustanzi Oħra Perikolużi dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim bil-ħsieb ta' kooperazzjoni dwar is-sorveljanza fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Anness VI għall-Konvenzjoni MARPOL ĠU L 54, 16.2.2021, p. 3–5	11490/20
Deċiżjoni mill-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim għall-Kooperazzjoni fit-Trattament tat-Tniġġis fil-Baħar tat-Tramuntana miż-Żejt u Sustanzi Oħra Perikolużi dwar l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja għall-Ftehim ĠU L 54, 16.2.2021, p. 6–21	11493/20
Proċedura bil-miktub konklużi fit-8 ta' Frar 2021	CM 1546/21
<i>Relazzjonijiet mal-Ukrajna</i> Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-7 laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna (Brussell, 11 ta' Frar 2021)	5272/1/21 REV 1
Proċedura bil-miktub konklużi fit-8 ta' Frar 2021	CM 1616/21
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "Il-kontroll tal-fużjonijiet fl-UE u l-proċedimenti tal-antitrust tal-Kummissjoni: jeħtieġ li tizzied is-sorveljanza tas-swieq"	5602/21
Proċedura bil-miktub konklużi fid-9 ta' Frar 2021	CM 1623/21
L-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi "Alleanza Globali dwar l-Ekonomija Ċirkolari u l-Effiċjenza fir-Riżorsi" (GACERE) fisem l-UE fl-ewwel parti tal-ħames laqgħa tal-Assemblea tan-NU għall-Ambjent (22-23 ta' Frar 2021) - Awtorizzazzjoni għat-tnedija tal-Alleanza.	5117/21

Proċedura bil-miktub konkluża fl-10 ta' Frar 2021	CM 1670/21
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza</i> Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75	PE 75/1/20 REV1
Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' rappurtar li jippermettu l-ħruġ ta' bonds li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ambjentali għal NextGenerationEU	5856/21 ADD1
Il-Kummissjoni tfakkar fl-ambizzjoni politika kondiviża tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. F'dan il-qafas, tissottolinja l-ambizzjoni tagħha li tiġbor mill-inqas 30 % tal-fondi li għandhom jiġu mislufa fis-swieq kapitali għall-ħtiġijiet ta' NextGenerationEU permezz tal-ħruġ ta' bonds li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ambjentali. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li jesploraw serjament il-possibbiltà li jintroduċu regoli li jistabbilixxu obbligi ta' rappurtar għall-Istati Membri, sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' informazzjoni għall-fini ta' evalwazzjoni tal-kontribut għall-oġġettivi ambjentali tal-fondi mislufa fis-swieq kapitali. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni ser tagħmel ħilitha biex tfassal proposta leġiżlattiva f'dan ir-rigward matul l-ewwel trimestru tal-2021.	
Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar il-ġbir ta' data għal kontrolli u awditi effettivi	5856/21 ADD2 REV1
Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jfakkru fil-ħtieġa li jiġu żgurati kontrolli u awditi effettivi bl-għan li jiġi evitat il-finanzjament doppju u jiġu evitati, identifikati u rettifikati l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-miżuri appoġġati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Iż-żewġ istituzzjonijiet iqisu li huwa essenzjali li l-Istati Membri jiġbru u jirreġistraw data dwar ir-riċevituri u l-benefiċjarji finali tal-finanzjament tal-Unjoni f'format elettroniku standardizzat u interoperabbli u jużaw l-għodda unika ta' estrazzjoni ta' data li għandha tiġi pprovduta mill-Kummissjoni.	
Dikjarazzjoni addizzjonali tal-Kummissjoni dwar il-ġbir ta' data għal kontrolli u awditi effettivi	5856/21 ADD2 REV1

Il-Kummissjoni Ewropea tfakkar fid-dikjarazzjoni unilaterali tagħha dwar din il-kwistjoni fl-ambitu tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, li tapplika mutatis mutandis għall-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.	
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija għat-trekkjar klimatiku	5856/21 ADD2 REV1
Il-Kummissjoni tqis li, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, il-metodoloġija tal-Anness VI tar-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandha tiġi inkorporata fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni.	
Dikjarazzjoni minn Malta	CM 1670/21
Malta tilqa' l-adozzjoni formali tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). Madankollu, Malta ttenni t-tħassib li tqajjem qabel jiġifieri fir-rigward tal-metodoloġija għat-trekkjar klimatiku u n-natura kumplessa ġenerali tal-istrument. Fir-rigward tal-metodoloġija għat-trekkjar klimatiku, filwaqt li tiegħu nota xierqa tal-pożizzjoni u d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, Malta jiddispjaċiha li din ma ġietx diskussa fil-Kunsill, u jiddispjaċiha wkoll li l-investimenti fl-infrastruttura tat-toroq ġew assenjati koeffiċjent żero. Malta tfakkar li ċ-ċirkostanzi nazzjonali uniċi tagħha u l-potenzjal limitat għat-tnaqqis tal-emissjonijiet jagħmlu investimenti f'infrastruttura tat-toroq aktar effiċjenti, flimkien mal-elettrifikazzjoni tal-vetturi, waħda mill-ftit opportunitajiet ewlenin għal Malta biex tkompli tibni fuq approċċ olistiku għad-dekarbonizzazzjoni u l-progress lejn in-newtralità klimatika. Dawn l-istess ċirkostanzi nazzjonali huma wkoll il-fattur ewlieni li jikkontribwixxi għan-nuqqas ta' ferroviji. Malta għalhekk tisħaq li l-ftehim dwar l-RRF m'għandu bl-ebda mod jippreġudika d-diskussjonijiet li ġejjin dwar l-Anness I tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni. Malta jiddispjaċiha wkoll li l-RRF żviluppat progressivament fi strument sostanzjalment aktar kumpless milli kien maħsub oriġinarjament, li jinvolvi diversi kondizzjonijiet u obbligi ta' rappurtar li jridu jiġu rispettati sabiex ikun hemm aċċess għalih. F'dan ir-rigward u b'mod partikolari f'termini tal-formulazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-valutazzjoni tagħhom, Malta tfakkar fl-importanza li l-Kummissjoni żżomm approċċ realistiku u pramatiku, kif imħabbar qabel.	

Proċedura bil-miktub konklużi fil-15 ta' Frar 2021	CM 1571/21
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea rigward il-Ftehim Settorjali dwar il-Kreditu ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti għall-Ftehim Settorjali dwar il-Kreditu ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili li jinsab fl-Anness III għall-Arranġament dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali fir-rigward tal-Linja Komuni dwar id-differiment temporanju tar-ripagament tal-kapital tas-self	5327/21
Proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill għal pożizzjoni tal-UE dwar il-Linja Komuni tal-FSIA	5390/21
Proċedura bil-miktub konklużi fil-15 ta' Frar 2021	CM 1729/21
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 fir-rigward tal-eżenzjoni temporanja mir-regoli dwar l-użu ta' slots fl-ajruporti tal-Unjoni minħabba l-kriżi tal-COVID-19</i> Regolament (UE) 2021/250 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 fir-rigward tal-eżenzjoni temporanja mir-regoli dwar l-użu ta' slots fl-ajruporti tal-Unjoni minħabba l-kriżi tal-COVID-19 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 58, 19.2.2021, p. 1–8	PE 1/1/21 REV 1
Proċedura bil-miktub konklużi fil-15 ta' Frar 2021	CM 1730/21
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tal-persistenza tal-kriżi tal-COVID-19 rigward it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet, il-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perijodiku f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport u l-estensjoni ta' ċerti perijodi msemija fir-Regolament (UE) 2020/698</i> Regolament (UE) 2021/267 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tal-persistenza tal-kriżi tal-COVID-19 rigward it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet, il-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perijodiku f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport u l-estensjoni ta' ċerti perijodi msemija fir-Regolament (UE) 2020/698 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 60, 22.2.2021, p. 1–20	PE 2/1/2021 REV 1

Proċedura bil-miktub konklużi fil-15 ta' Frar 2021	CM 1739/21
